Qorti tal-Appell
(Kompetenza Inferjuri)

Imhallef Anthony Ellul

Appell numru: 57/2013AE

**Giovan Hardware Limited**

**Vs**

**Vincent Attard li jezercita l-kummerc bl-isem ta' Toolsman Hardware Store**

L-Erbgha, 27 ta' Jannar 2016.

Permezz ta' avviz prezentat fil-21 ta' Frar 2013 quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta), l-attur talab il-hlas tas-somma ta' €10472.91 ghall-bejgh ta' merkanzija.

Il-konvenut wiegeb li ma jezercitax il-kummerc taht l-isem li gie mharrek u hu personalment m'ghandu l-ebda relazzjoni guridika mas-socjeta attrici. Inoltre m'ghandu jhallas xejn lill-attrici.

B'sentenza tas-7 ta' Mejju 2014, l-ewwel qorti laqghet l-eccezzjoni tal-konvenut li m'huwiex il-legittimu kontradittur wara li kkonkludiet li n-negozju li sar kien bejn l-attrici u l-kumpannija Toolsman Hardware Limited. Il-qorti qalet li l-attrici kienet taf bl-ezistenza tas-socjeta Toolsman Hardware Limited u ghalhekk il-konvenut ma kellux jitharrek f'ismu personali.

Mis-sentenza appellat is-socjeta attrici. L-aggravji huma:

i. Li l-qorti ma tatx decizjoni dwar l-ewwel eccezzjoni.
ii. Dwar l-apprezzament tal-provi tal-ewwel qorti.

Wara li l-qorti rat l-atti u semghet it-trattazzjoni, tosserva:-

1. Permezz tal-ewwel aggravju, l-attrici lmentat li l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut ma nghatatx decizjoni dwarha. L-eccezzjoni taqra:

   *"Illi preliminarjament l-eccipjent ma jezercita l-ebda kummerc bl-isem Toolsman Hardware Store, u konsegwentement l-eccipjent gie mharrek hazin".*

   Warajha hemm l-eccezzjoni li l-konvenut m'ghandux relazzjoni guridika mas-socjeta attrici.

Fil-fehma tal-qorti ma kien hemm xejn x'izomm lill-qorti milli l-ewwel tiddeciedi l-eccezzjoni dwar jekk il-konvenut huwiex il-legittimu kontradittur. Ovvjament ladarba laqghet din l-eccezzjoni, waqfet hemm. F'kull kaz l-ewwel eccezzjoni, jekk tista' ssejhilha hekk[1], ma kien ser ikollha mpatt fuq id-decizjoni finali. Fir-realta l-attrici harrket lil Vincent Attard. 'Il fatt li wara ismu hemm il-kliem *"…. u jezercita l-kummerc bl-isem ta' Toolsman Hardware Store"*, mhu tal-ebda rilevanza gialadarba l-imharrek kien Vincent Attard personalment.

Fic-cirkostanzi dan l-aggravju hu michud.

2. Mill-provi rrizulta li:-

    i. L-invoices kienu qeghdin jigu ntestati Toolsman Hardware Store. Dan hu l-isem tal-hwienet fejn kienet issir il-konsenja. Pero' hemm numru ta' invoices (fol. 94-131) fejn fl-invoice hemm l-isem Vince Attard.
    ii. Il-konvenut hu direttur tal-kumpannija Toolsman Hardware Limited (C29253).
    iii. In-numru tal-VAT li jidher fuq l-invoices m'huwiex tal-konvenut.
    iv. Permezz ta' ittri legali datati l-1 ta' Marzu 2012 u 8 ta' Awissu 2012 (fol. 175 u 180), is-socjeta attrici nterpellat lis-socjeta Toolsman Hardware Limited sabiex thallas il-bilanc pendenti[2]. Ma jirrizultax li qabel giet proposta l-kawza, il-konvenut giet nterpellat biex ihallas.
    v. Kienu jsiru pagamenti minn Toolsman Hardware Limited (ara kopja ta' cekkijiet a fol. 171-175).

3. B'riferenza ghall-ittri legali li ntbaghatu qabel il-kawza, l-attur xehed: *"Naf li qabel ma pprezentajna din il-kawza konna ktibnilu. Pero dwar dan mhux cert dwaru"* (fol. 21). Kien il-konvenut li pprezenta kopja tal-ittri meta xehed fis-seduta tas-26 ta' Frar 2014. L-attur fl-ebda stadju tal-process ma spjega ghalfejn kienet giet interpellata s-socjeta Toolsman Hardware Limited jekk in-negozju sar mal-konvenut. Fir-rikors tal-appell qal:

    *"Illi minkejja li l-ittri gew indirizzati lill-Toolsman Hardware Limited, Josef Abela rapprezentant tas-socjeta appellanti ma kienx konxju ta' dan 'il fatt u qatt ma kien jaf li fil-fatt tezisti socjeta b'dak l-isem".*

    Pero' kien biss fl-istadju tal-appell li gie ddikjarat li x-xhud ma kienx 'konxju' tal-fatt li giet interpellata Toolsman Hardware Limited. Fatt li m'hemmx prova dwaru. L-attrici kellha kull opportunita, kieku riedet, li titlob li tressaq provi dwar l-ittri legali, li jirrizulta wkoll li ghalihom

[1] Ghandha iktar min-natura ta' dikjarazzjoni.
[2] Fl-ewwel ittra ntalbet thallas is-somma ta' €13,304.87 u fit-tieni ittra s-somma ta' €10,742.90.

inghatat twegiba permezz ta' ittri legali (fol. l79 u 181). Inoltre mill-ittri jirrizulta li kienu ndirizzati lill-kumpannija Toolsman Hardware Ltd u taht l-isem u l-indirizz hemm *"Attn: Sur Vincent Attard"*. Dan fih innifsu juri bic-car li l-attrici kienet qeghda tippretendi l-hlas minghand il-kumpannija u zgur mhux minghand Attard. Inoltre, fl-istess ittra jinghad li kopja taghha ntabaghatet lis-socjeta attrici. Ghalhekk ma jitwemminx li Josef Abela ma kienx 'konxju' li giet interpellata biex thallas Toolsman Hardware Limited, ghal darbtejn b'intervall ta' hames xhur bejn l-ewwel u t-tieni darba.

M'huwiex kredibbli Josef Abela, direttur tas-socjeta attrici, meta qal li ma kienx jaf li tezisti l-kumpannija Toolsman Hardware Limited, meta tqies:

i. Hlasijiet li l-attrici rceviet b'cekk tas-socjeta Toolsman Hardware Limited;
ii. L-ittri legali li ntbaghatu mis-socjeta attrici lil Toolsman Hardware Limited u li bihom sejhitilha biex thallas il-bilanc pendenti.
iii. Fuq bazi ta' probabilita' l-avukat li kiteb l-ittri, qaghad fuq taghrif li tah il-klijent meta jkun tkellem mieghu biex jinghata t-taghrif dwar il-kwistjoni.

Fir-rikors tal-appell is-socjeta appellanti argumentat:-

*"Illi r-relazzjoni guridika f'kaz bhal dan ghandha tigi deciza fuq il-fatturi meritu tal-kawza u fuq jekk il-konvenut jkun fil-fatt avza lill-attur li hu qatt ma kien qieghed jikkontratta f'ismu proprju, u mhux fuq ittra mibghuta minn Avukat tal-partijiet"*.

Hu veru li mill-provi rrizulta li:-

i. Il-konvenut xehed li qatt ma talab li l-invoices jibdew jinhargu f'isem is-socjeta Toolsman Hardware Limited.
ii. Hemm numru ta' invoices fejn hemm stampat l-isem tal-konvenut taht id-dettalji: *"Toolsman Hardware Store (Zejtun), St Thomas Str, Tarxien"*, ghalkemm dawn m'humiex il-maggoranza tal-invoices fejn isem il-konvenut ma jissemmiex.

Madankollu fil-fehma tal-qorti l-ittri legali li ntbaghatu mis-socjeta attrici huma l-aqwa prova li n-negozju kien qieghed isir bejn zewg kumpanniji u li fil-fatt Vincent Attard kien iddikjara li kien qieghed jixtri l-merkanzija ghan-nom ta' Toolsman Hardware Limited. Dwar il-prova li saret permezz tal-ittri legali, l-attrici ma talbitx li tirribattiha bi provi[3] . Ittri legali li, kif argumenta l-konvenut, l-attrici naqset milli tispjega ghalfejn intbaghatu lilha jekk in-negozju ma kienx maghha. Il-logika

[3] Ezempju li titlob li jitharrek l-avukat li kiteb l-ittri ghan-nom tas-socjeta attrici.

tghidlek li kieku n-negozju kien mal-konvenut, l-attrici kienet tinterpella lil Vincent Attard.

4. Meta tqies dak li nghad hawn, m'hemmx bazi biex il-qorti tikkonkludi li hemm ragunijiet gravi biex tiskarta l-apprezzament tal-provi li ghamlet l-ewwel qorti.

**Ghal dawn il-motivi tichad l-appell bl-ispejjez kontra l-appellanti.**

Anthony Ellul.